**Kunsill Lokali Bormla**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**Jannar – Dicembru 2010**

**It-Tieni Sena tal-Leġislatura**
**Tas-Sitt Kunsill Lokali 2009 - 2013**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **13** |

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 6,200. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn zewg Assistant Principal Officers u Skrivana. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nklużi fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.

### 2.2 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-sur Joseph Caruana | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-sur Brian Loffreda | Assistent Uffiċjal Prinċipali – Responsabbli mill-amministrazzjoni, sezzjoni finanzi, relazzjoni mal-klijenti u xiri ta' servizzi |
| Is-sur Duncan Hall | Assistent Ufficjal Principali – Responsabbli mill-amministrazzjoni, relazzjonijiet mal-klijenti, Proġetti ta' l-Unjoni Ewropeja, |
| Is-sinjura Ramona Falzon Gatt | Skrivana – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti, book-keeping u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-sur Mauriċe Inguanez * | Industrial Project Serviċes Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-sur Carmelo Gili | Industrial Project Serviċes Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-sur Joseph Barbara | Employment and Training Corporation |
| Is-sur Alfred Fava ** | Employment and Training Corporation |
| Is-sur Stephen Bonello | Employment and Training Corporation |
| Is-sur Arthur Mangion | Employment and Training Corporation |
| Is-sur Publius Brincat | Employment and Training Corporation |

Is-Sur Maurice Inguanez * temm l-impjieg tieghu f'Jannar 2011 bl-eta filwaqt li s-Sur Alfred Fava ** sab impjieg alternattiv.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2010 kienet ta': | € 373,125 |
| Dhul supplimentari | € 26,000 |
| Interessi fuq Loan (EMEDIT Project) | € 7,290 |

**Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' € 57,243**

| | |
|---|---|
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 21,250 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | € 33,166 |
| Dhul minn Permessi | € 2,827 |

**Interessi ta' € 272**

| | |
|---|---|
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € 272 |

**Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta' € 26,694**

| | |
|---|---|
| Dħul minn Proġetti ta' l-EU | - |
| Skontijiet | € 152 |
| Attivitajiet Kulturali | € 1,572 |
| Rifuzjonijet fuq Hsarat fil-lokalita | - |
| Reklami fuq in-Newsletter | € 140 |
| Kontribuzzjonijiet | € 24,027 |
| Tender Documents | € 803 |

**Id-Dħul totali għas-sena 2010 kien ta' € 490,624**

**L-INFIQ**

**Is-Salarji b'total ta' € 100,143 u kienu mqassma hekk:**

| | |
|---|---|
| Onorarja tas-Sindku | € 9,346 |
| Allowances tal-Kunsilliera | € 9,000 |
| Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv u Allowance | € 27,652 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 48,396 |
| Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Socjali | € 5,749 |

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 2,489**

| | |
|---|---|
| Toroq u Bankini | € 373 |
| Marki tat-Traffiku | €1,023 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 542 |
| *Other Repairs & Upkeep* | € 143 |
| Patching | € 308 |
| Manutenzjoni – Kunsill | € 100 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' € 260,351**

| | |
|---|---|
| Bring-In-Site | € 3,494 |
| Gbir ta' Skart | € 85,716 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 14,888 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € 2,771 |
| Tipping Fees | € 36,321 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | € 5,904 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | € 35,655 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | € 6,735 |
| Gbir ta' Annimali mejta | € 2,586 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € 4,483 |
| *Tindif u Manutenzjoni ta' Soft Areas* | € 29,898 |
| Street Lighting | € 8,669 |
| *Sistema ta' l-Infurzar tal-Ligi* | € 23,231 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 171,011**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etċ. | € 16,902 |
| Materjal | €3,369 |
| Materjal tat-Tindif | € 279 |
| Uniformijiet | € 637 |
| Spare Parts | € 75 |
| *Kera* | € 2,227 |
| *Partecipazzjoni f'Laqghat Nazzjonali* | € 528 |
| Printing | € 172 |
| *Stationery* | € 1,282 |
| *Photocopy (Agreement)* | € 1,412 |
| *Couriers* | € 204 |
| Posta | € 225 |
| Dokumentazzjoni | € 51 |
| Spejjez tal-Librerija | € 324 |
| Servizzi ta' l-Ufficcju | € 5,595 |
| Manutenzjoni ta' Vetturi | € 753 |
| *Fuel* | € 1,035 |
| Trasport | € 128 |
| Vjaggar | € 1,238 |
| Spejjez ta' Relazzjonijiet Pubblici | € 75 |
| E-Govt u Web Space | € 350 |
| Reklamar | € 875 |
| Publikazzjonijiet u Newsletters | € 2,118 |
| Insurance | € 2,809 |
| Bank Charges | € 262 |
| Librarian | € 1,449 |
| IT Development Services | € 2,9476 |
| Spejjez tal-Perit | € 3,664 |
| | |
| *Servizz ta' Accountant* | € 5,863 |

| | |
|---|---|
| *Rimborsi lill-istaff* | €548 |
| *Ospitalita* | € 2,065 |
| *Social Events* | € 6,952 |
| *Jum il-Kunsill* | € 3,043 |
| *Attivitajiet Kulturali* | € 15,770 |
| *Progetti ta' l-EU* | € 5,321 |
| *Donazzjonijiet* | € 300 |
| *Spejjez ancillari* | € 2,945 |
| *Asset Disposals* | € 4,397 |
| *Provizjoni ghal Dejn mhux rekuperabbli* | €19,643 |
| *Deprezzament ta' Assi* | €45,871 |
| *Interessi fuq krediti mill-bank* | € 1 |
| *Interessi fuq Loans (emedit)* | € 7,290 |
| **Totali** | **€533,994** |

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bhas-snin ta' qabilha, s-sena 2010, kienet sena mpenjattiva hafna ghall-Kunsill Lokali Bormla. Sena li matulha sar hafna xoghol ta' preparazzjoni u pjanar biex matul is-sena 2011 u s-snin ta' wara, nibdew naraw lill-belt ta' Bormla tirrigenera.

Kienet sena ohra fejn il-Kunsill rega' bata mill-ingustizzja fl-allokazzjoni finanzjarja li jircievi minghand il-Gvern Centrali li swiet lil Bormla eluf kbar ta' ewro matul is-snin kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali. Ingustizzja fejn kif fissirna f'diversi okkażjonijiet, l-allokazzjoni li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jirċievi ma tirriflettix verament il-ħtiġijiet partikolari tal-lokalita' tagħna u bi sforzi kbar, il-Kunsill qed jirnexxielu jikkontrolla l-ispiża rikorrenti tiegħu b'tali mod li fl-aħħar tas-sena finanzjarja, ma joħroġx bi żbilanċ. Kienet sena fejn il-Kunsill Lokali ma waqafx jiggieled kontra din l-ingustizzja u llum ghandna l-pjacir inhabbru li l-Gvern ha nota ta' dan kollu u kkorega din l-anomalija tant li fis-sena 2011, il-Kunsill qieghed jircievi xejn inqas minn Euro 30,000 zieda fl-allokazzjoni tieghu. Dan ifisser ukoll li bejn is-sena 1994 u s-sena 2011, jekk wiehed jaghmel kalkolu zghir, jinduna li Bormla b'dan l-izball amministrattiv tilfet madwar Euro 480,000, ammont li kien jaghmel differenza kbira fl-operat tal-Kunsill Lokali Bormla matul dawn l-ahhar 16-il sena.

Minkejja dawn id-diffikultajiet, il-Kunsill Lokali huwa ottimist hafna li Bormla ser tghaddi minn perjodu ta' zvilupp konsiderevoli fis-snin li gejjin u fil-fatt qieghed jippartecipa fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' numru ta' progetti li ser ikunu qeghdin jitwettqu f'Bormla anke jekk mhux b'fondi tal-Kunsill Lokali.

### *LANDSCAPING* FI TRIQ SAN ĠWANN

Dan huwa progett importanti hafna li mistenni jaghti nifs lir-residenti li jabitaw fil-qasam residenzjali tal-Gvern il-gdid fi Triq San Gwann. Din hija zona suppost ta' rikrejazzjoni li matul is-snin thalliet fi stat ta' abbandun li kompliet tiddeterjora waqt li kien ghaddej ix-xoghol ta' kostruzzjoni ta' l-appartamenti tal-Gvern.

Lura fis-sena 2006, il-Kunsill Lokali kien lahaq ftehim dwar ir-rigenerazzjoni ta' din iz-zona mad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar. Fil-fatt gew sottomessi l-applikazzjonijiet ghall-permessi mehtiega lill-MEPA, liema permessi, minhabba diffikultajiet li l-Kunsill iltaqa' maghhom inhareg xejn inqas minn 3 snin wara u cioe fl-2009. Dan wassal anke biex gew krejati problemi ohra minhabba l-fatt li f'dan il-perjodu, d-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar gie smantellat ghal kollox u allura l-Kunsill ried jerga' jibda n-negozjati mill-gdid dwar il-finanzjament tieghu.

Intant, wara diversi laqghat li l-Kunsill zamm mad-Direttur Generali tat-Taqsima tax-Xoghlijiet, jidher li dan il-progett ser jinghata bidu fis-sena 2011.

**PAVIMENTAR TAZ-ZONQOR**

Matul is-sena 2010, il-Kunsill Lokali bi sforz kbir ivvota s-somma ta' xejn inqas minn Euro 20,000 biex bankina taz-zonqor fi Triq l-Oratorju u li matul is-snin garrbet hsarat kbar, giet restawrata. B'kollox sar restawr fuq medda ta' madwar 120 metru tul. Cangaturi taz-zonqor li kienu miksura gew mibdula filwaqt li tpoggew cangaturi taz-zonqor fejn dawn kienu nieqsa.

**GRAND HARBOUR REGENERATION CORPORATION**

Il-vizjoni tal-Gvern 2015 ghall-Port il-Kbir, gabet maghha wkoll it-twelid ta' Korporazzjoni gdida f'Malta u cioe 'Grand Harbour Regeneration Corporation'. L-ghan ta' din il-korporazzjoni huwa li timplimenta numru ta' progetti infrastrutturali mferrxa sew mal-Port il-Kbir ta' Malta fosthom, il-cruise liner terminal fix-xatt ta' l-Isla, ir-rijabilitazzjoni tal-Menqa fil-Marsa, l-izvilupp tal-Bacir Nru. 1 u hafna ohrajn. Il-Kunsill Lokali qieghed jifforma parti minn Project Management Board li l-ghan tieghu huwa li jimplimenta numru ta' progetti f'Bormla fosthom:

- **GHRC Project 1 – ĠNIEN TA' RIKREJAZZJONI - SUR SAN GWANN**

  Wara snin shah ta' stennija, fis-2010, inghata bidu l-progett ta' Sur San Gwann. Fl-ahhar tas-sena 2010, il-progett kien jinsab fi stadju avvanzat hafna fejn il-fazi tal-kostruzzjoni kienet prattikament konkluza, gew imhawla xejn inqas minn 80 sigra (b'finanzjament mill-kumpanija privata Vodafone), kif ukoll gew installati d-dwal.

  Huwa mahsub li l-progett ikun jista' jinfetah ufficjalment fl-ewwel kwart tas-sena 2011.

  B'dan il-mod, zona ohra li kienet zdingata f'Bormla ser tkun trasformata fi gnien zghir ghall-uzu tal-komunita Bormliza.

- **GHRC Project 2 – KWARTIERI SAN NIKOLA**

  Il-Kunsill Lokali qed ikun involut direttament fi progett iehor li ser tkun qed twettaq il-GHRC gewwa Kwartieri San Nikola. F'dan il-qasam residenzjali tal-Gvern, matul l-2010 u l-2011, ser ikun qieghed isir progett estensiv ta' restawr tal-blokka ta' l-appartamenti, installazzjoni ta' lift li tant huwa bzonnjuz ghall-komunita' anzjana li tabita f'dawn l-appartamenti, xoghol ta' pavimentar, landscaping u street furniture. Dan huwa progett li ghandu jgib bidla radikali fil-hajja tal-komunita' ckejkna li tabita f'dawn il-Kwartieri

- **GHRC Project 3 – VERDALA BARRACKS**

  Bhalma ser isir fil-qasam ta' Kwartieri San Nikola, qed ikun pjanat li jsir fil-qasam tal-bini tal-Gvern ta' Verdala Barracks. Apparti x-xoghol ta' restawr fuq il-faccati ta' din il-binja storika, ser ikun qieghed isir xoghol ta' pavimentar gdid fiz-zona shiha kif ukoll xoghol ta' resurfacing.

- **GHRC Project 4 – TRIQ IL-MADONNA TAL-GRAZZJA**

  L-agenzija SAPPORT, li tamministra Dar Andrew f'Bormla wkoll issiehbet mal-Kunsill Lokali biex Triq il-Madonna tal-Grazzja, u cioe minn fejn topera Dar Andrew, issir aktar accessibli ghall-persuni b'dizabilita' resideni f'din id-dar u fl-istess waqt isir xoghol ta' tisbih f'din iz-zona. Dan il-progett kellu jinghata bidu fis-sena 2010 madanakollu huwa prevvist li x-xoghol jibda fis-sena 2011 u jkun lest fi ftit gimghat.

- **GHRC Project 5 – XATT IR-RIZQ / BACIR NRU. 1**

  Il-Kunsill Lokali qed ikun ukoll involut hafna fil-progett estensiv ta' landscaping f'Xatt ir-Rizq li ghandu jestendi sal-Bacir Nru. 1. L-ewwel fazi ta' dan il-progett li tibda mill-Monument tal-Helsien gewwa l-Birgu u li twassal sa' quddiem il-Klabb tar-Regatta ta' Bormla, giet approvata mill-MEPA matul din is-sena u fil-fatt ix-xoghol attwali inghata bidu matul ix-xahar ta' Jannar 2011.

**XOGHOL TA' TARMAC:**

**(a) TRIQ l-IMMAKULATA**

L-ammont ta' xita li ghamlet matul l-2010, ikkagunat hsarat estensivi f'bosta toroq madwar Malta. Bormla ma kenitx xi eccezzjoni u esperjenzat hsarat kbar f'numru ta' toroq inkluz arterjali, distributorji u sekondrarji. Triq l-Immakulata hija wahda mit-toroq arterjali li esperjenzat ghadd kbir ta' potholes li kkagunaw anke hsarat f'vetturi privati u sintendi, l-ilmenti ma naqsux.

Il-fatt li Triq l-Immakulata hija arterjali u ma taqax taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali, ma fissirx li l-Kunsill zamm fommu sieket u qaghad jistenna l-manna taqa' f'halqu. Kien pro-attiv u fil-fatt bil-hidma tal-Kunsill Lokali u bil-volonta ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, lane shiha ta' Triq l-Immakulata (l-aktar li garrbet hsara) inghatat kisja tarmac inkluz anke madwar ir-round-a-bout.

**(b) TRIQ IX-XATT TA' BORMLA**

Triq ix-Xatt, li hija fil-fatt ic-centru ta' Bormla u passagg ghall-Birgu u l-Kalkara, garrbet ukoll hsarat konsiderevoli. B'negozjar ghaqli u konvincenti, l-Kunsill irnexxielu jipperswadi lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta sabiex din it-triq ukoll tinghata kisja tarmac it-tul kollu. Fil-fatt, grazzi ghall-koperazzjoni kbira li l-Kunsill sab mill-ADT, ic-centru ta' Bormla, llum nistghu nghidu li nghata dehra gdida. Aktar importanti minn hekk, it-triq hija aktar komda ghas-sewwieqa taghna.

**(c) TRIQ SAN GWANN T'GHUXA**

Flimkien ma' dan kollu, l-ADT ghamlet ukoll xoghol ta' patching estensiv matul Triq San Gwann t'Ghuxa kollha.

## LIBRERIJA PUBBLIKA

Fil-Pjan ta' Ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali Bormla ta' mportanza kbira lis-settur ta' l-edukazzjoni. Kien propju dan l-impenn li xpruna l-idea li l-librerija pubblika ta' Bormla, li għal dawn l-aħħar snin kienet qed topera minn ġewwa kamra fl-iskola primarja, tibda topera minn ġo post aktar ċentrali u lil hinn mill-ambjent ta' l-iskola.

Għal dan il-għan, il-Kunsill identifika proprjeta' tal-Gvern vojta fi Triq l-Oratorju li fiż-żmien kienet tintuża bħala *mustering room* għall-kenniesa tal-Gvern. Wara li din il-proprjeta' ġiet mgħoddija lill-Kunsill Lokali b'titolu ta' kera mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, tressqet l-applikazzjoni meħtieġa lill-MEPA sabiex din il-proprjeta' tiġi kkonvertita' f'Librerija Pubblika. L-iskop huwa li din tkun librerija, mgħammra anke bis-servizz ta' l-*internet* bil-għan li tattira lejha aktar lit-tfal li forsi sal-lum qatt ma kienu jagħmlu użu mil-librerija għaliex jassoċjawha wisq ma' l-ambjent ta' l-iskola.

Il-librerija tlestiet u giet inawgurata ufficjalment f'Marzu 2010. Matul is-sena 2010, sar investiment ukoll f'kotba godda.

## BOLLARDS, RAILINGS U U BARS

Il-Kunsill kontinwament jirċievi talbiet sabiex f'ċertu toroq bit-turġien jiġu nstallati railings sabiex jiffaċilitaw il-ħajja lill-anzjani tagħna. Talbiet oħrajn li l-Kunsill jirċievi b'mod aktar frekwenti huma għal U Bars bil-għan li jipproteġu d-djar tagħhom kif ukoll biex ma jħallux vetturi milli jitilgħu fuq il-bankini. Il-Kunsill irċeva wkoll diversi talbiet sabiex f'toroq partikolari jiġi magħluq l-aċċess għat-traffiku permezz ta' bollards.

Matul din is-sena l-Kunsill ta bidu ghal manifattura ta' U Bars dekorattivi permezz tal-haddiema li ghandu assenjati mieghu mill-IPSL. Fil-fatt gew imwahhla xejn inqas minn 20 U Bar gdida f'numru ta' toroq, grazzi ghas-sengha li jhaddnu l-haddiema tal-Kunsill. B'dan il-mod, il-Kunsill jista' jkompli jahdem sabiex il-U Bars li hawn imxerrdin madwar Bormla, jinbidlu u jsiru kollha fuq dan l-istil u allura jkun kullimkien uniformi.

## TABELLI U SINJALI TAT-TRAFFIKU

Minkejja d-diffikultajiet finanzjarji kollha, il-Kunsill ma xxaħħaħx milli jżomm fl-aħjar stat possibli t-tabelli u s-sinjali tat-traffiku f'Bormla kollha. B'mod regolari, bejn tliet darbiet u 4 darbiet fis-sena, iż-żebgħa kollha li għandna fit-toroq ta' Bormla kienet iffriskata filwaqt li sar manutenzjoni regolari fuq it-tabelli tat-traffiku u nbidlu fejn kien hemm bzonn. Il-ħtieġa li dan ix-xogħol isir b'reqqa għall-ġid tas-sewwieqa u r-residenti tagħna tisboq bil-bosta d-diffikultajiet finanzjarji tal-Kunsill Lokali u għalhekk il-Kunsill bi ħsiebu li jkompli għaddej b'dan ir-ritmu għaliex is-saħħa tal-poplu tingħata preċedenza fuq kollox. Ħasra li ħafna mill-ħsara kkawżat minn vandaliżmu tissarraf f'ħela ta' fondi li jistgħu jintefqu f'xogħol aħjar milli bdil jew tiswija ta' tabelli.

## L-INDAFA

Matul din is-sena, l-Kunsill għamel enfażi kbira fuq il-ħtieġa li jitjiebu sostanzjalment is-servizzi kollha offruti mill-Kunsill lir-residenti. Pjaga li l-Kunsill dejjem ħadem qatiegħ biex ifejjaq, hija dik tal-ġbir ta' l-iskart goff. Il-Kunsill

kompla jtejjeb dan is-servizz bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun ir-rimi ta' l-iskart goff fit-toroq. Fil-fatt nistgħu ngħidu li kien hemm progress sinifikanti f'dan ir-rigward.

Saret ħidma kbira mal-kuntratturi tal-Kunsill sabiex dawn is-servizzi ta' tindif ikunu dejjem aktar effiċjenti b'mod partikolari fil-knis tat-toroq u l-qtugħ tal-ħaxix minn fuq u taħt il-bankini. Nifhmu wkoll li anke f'dan il-qasam sar progress kbir. Imma qatt mhu biżżejjed! Madanakollu baqgħet tippersisti l-problema ta' nuqqas ta' koperazzjoni mir-residenti u filwaqt li s-servizz min-naħa tal-Kunsill tjieb, id-dehra ġenerali ta' Bormla baqgħet l-istess. Għaldaqstant nemmnu li l-pass li jmiss huwa li filwaqt li nsostnu s-servizz provdut, naħdmu sabiex nedukaw aktar lill-poplu.

## GWARDJANI AMBJENTALI

Matul is-sena 2010, il-Kunsill Lokali investa l-flus ukoll biex jeduka l-poplu f'dak li ghandu x'jaqsam mal-harsien ta' l-ambjent ta' Bormla. Dan anke fid-dawl tal-fatt li fis-sena 2010, kien hemm tibdiliet fis-servizzi tal-gbir ta' l-iskart fejn iddahlet sistema gdida li nhar ta' Tlieta ma jibqax jingabar skart imhallat u minflok jingabar biss skart separat. Apparti n-notifiki li tqassmu f'kull residenza ta' Bormla, kull familja inghatat boroz ghal dan il-ghan. Ma' dan, il-Kunsill Lokali ntroduca wkoll is-servizz ta' Gwardjani Ambjentali. Dawn il-Gwardjani kellhom l-inkarigu li jissorveljaw it-toroq kollha ta' Bormla bil-ghan li jwissu lil dawk il-persuni kollha li injoraw l-avvizi tal-Kunsill Lokali. Kien hemm diversi okkazjonijiet ukoll fejn il-Gwardjani sahansitra harrku lir-residenti li minkejja t-twissijiet u l-avviżi li nghataw baqghu ma ottemprawx ruhhom mal-ligi. Dan kellu effett pozittiv.

## ENERGIJA ALTERNATTIVA

Matul is-sena 2010, il-Kunsill hataf ukoll l-opportunita li permezz ta' skema mnhedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, japplika sabiex jibbenefika minn fondi nazzjonali biex parti sostanzjali tal-konsum ta' l-elettriku li jintuża mill-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill jigi ggenerat permezz ta' panelli fotovoltajici.

Fil-fatt, jidher li dan jista' jsehh ghaliex il-Kunsill huwa nfurmat li l-applikazzjoni tieghu giet milqugha u ser jigi allokat il-fondi necessarji matul is-sena 2011.

## ŻAMMA U MANUTENZJONI TA' ĠONNA PUBBLIĊI U *SOFT AREAS*

Tajna importanza sħiħa liż-żamma u l-manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u *soft areas*. Il-Kunsill ħa ħsieb mingħajr waqfien li jsir xogħol f'kull parti ta' Bormla b'mod partikolari fl-oqsma residenzjali. Attenzjoni speċjali ngħatat lill-Ġnien Santa Margerita sabiex jinżamm fl-aħjar stat possibbli. Giet indirizzata anomalija li kien hemm fil-kuntratt li l-Kunsill kellu mal-kuntrattur responsabbli biex issa l-kuntratt gie rivedut b'tali mod li l-istampa issa hija aktar cara ghal kulhadd.

## MANUTENZJONI TA' TOROQ, BANKINI U FAĊILITAJIET

Lokalita' bħal Bormla, fejn l-infrastruttura mhix daqshekk fi stat tajjeb, tirrikjedi programm vast ta' manutenzjoni kontinwa. Huwa dan li l-Kunsill għamel matul

din is-sena permezz tal-ħaddiema assenjati miegħu mill-IPSL u t-Taqsima tax-Xogħlijiet. Matul is-sena, dawn il-ħaddiema kienu mitluba għal diversi drabi jagħmlu xogħol ta' tiswijiet fuq pavimenti madwar il-lokalita' kollha kif ukoll għamlu diversi xogħlijiet ta' tibjid ta' ħitan, żebgħa ta' bankijiet kif ukoll xogħol ta' tindif b'mod regolari ta' l-ispralli.

**LATRINA PUBBLIKA – PJAZZA SANTA MARGERITA**

Il-Kunsill baqa' jsegwi mill-qrib il-hidma ta' l-Awtorita' tat-Turizmu sabiex fi Gnien Santa Margerita ssir il-latrina pubblika. Fil-fatt gie stabbilit il-ftehim li permezz tieghu din il-latrina tkun tista' tinbeda u titlesta fl-2011.

***STREET LIGĦTING***

Illum il-gurnata, kulħadd huwa konxju mill-fatt li l-i*streetlighting* huwa responsabbilita' tal-Kunsill Lokali u mhux aktar tal-Korporazzjoni Enemalta. Kulħadd sar konxju għaliex is-servizz pprovdut mill-Kunsilli Lokali huwa aktar effiċjenti milli qatt kien qabel taħt l-Enemalta. Fejn ftit tas-snin ilu, bozza maqtugħa ġieli ħadet gimgħat sħaħ u f'okkazjonijiet ġieli kienu ħadu anke xhur biex inbidlet, waqt li llum il-bozoz saru jinbidlu fi ftit jiem għajr dawk li huma mwaħħla fuq l-arbli, li sal-lum baqgħu ma ġewx devoluti lill-Kunsilli Lokali.

### 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:



**Statement of Income and Expenditure**

| | 2010 | 2009 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | 12 months | 9 months |
| Funds received from Central Government | 406,414 | 285,371 |
| Income raised under Local Enforcement System | 54,416 | 47,438 |
| Investment Income | 272 | 226 |
| General Income | 26,694 | 27,347 |
| Income raised under Council Bye-Law | 2,827 | 2,578 |
| | **490,623** | **362,960** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 100,143 | 35,733 |
| Operations and maintenance | 262,840 | 186,237 |
| Administration and other Expenditure | 117,849 | 150,608 |
| Depreciation and Amortisation | 45,871 | 35,120 |
| Finance Cost | 7,291 | 5,382 |
| | **533,994** | **413,080** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **(43,371)** | **(50,120)** |

## Statement of Affairs

| | 2010 | 2009 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | 12 months | 9 months |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 417,835 | 426,859 |
| | **417,835** | **426,859** |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 324,994 | 289,444 |
| Cash and bank balances | 32,261 | 35,718 |
| **Total Current Assets** | **357,205** | **325,162** |
| **Total Assets** | **775,040** | **752,021** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 420,615 | 463,986 |
| Total Equity | 420,615 | 463,986 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Loan from Ministry | 122,516 | 122,516 |
| Deferred Income | 5,000 | - |
| | **127,516** | **122,516** |
| **Current Liabilities** | | |
| Overdrawn Bank Balance | 10,272 | 2,033 |
| Payables | 216,637 | 163,486 |
| **Total Current Liabilities** | **226,909** | **165,519** |
| **Total Reserves and liabilities** | **775,040** | **752,021** |